## MEMORJAL TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI DWAR IL-MALTI

"Mata fil-Isien u l-qalb,
Malta Maltija"
27 ta' Lulju, 1970.

Billi huwa xieraq li l-fehmiet tal-korpi kostitwiti jkunu mfissra minn żmien għal żmien, mingħajr l-anqas ħsieb li b'hekk jista' jingħata fastidju lil xi ħadd, hekk ukoll l-AKKADEMJA TAL-MALTI tħossu dmir tagħha li hija tagħmel stqarrija tal-fehmiet patrijottiċi li twaqqfet biex tħares, u dan bit-tama li l-fehmiet dwar il-valuri patrijottiċi tal-poplu Malti jissaħħu dejjem aktar:-

1. L-Ilsien Malti hu patrimonju nazzjonali li l-ġenerazzjonijiet tal-lum għandhom id-dmir iħarsu biex igħadduh sħiħ lil ta' warajhom.

2. Għalkemm hija ħaġa mixtieqa li l-poplu Malti jitgħallem ilsna oħra flimkien ma' tiegħu, biex:

   (a) jagħraf aħjar il-ħajja u l-fehma ta' ġnus barranin, u

   (b) il-barrani jkun jista' jinqeda tajjeb u bil-kortesija kollha fost-na, kif jagħmel il-Malti barra minn artu;

   b'danakollu l-ilsien tal-barrani ma għandu qatt jieħu l-post li l-Malti waħdu għandu jkollu fil-qalb tal-poplu Malti.

3. Fost il-Maltin, l-Ilsien Malti għandu jkollu l-istess importanza soċjali, kulturali u edukativa li tingħata lil kull ilsien ieħor.

4. Kull ma għandu x'jaqsam mal-poplu Malti għandu jieħu l-akbar sehem fis-sistemi edukattivi kollha għat-tfal Maltin.

5. L-ilsna uffiċjali ta' l-Università Rjali ta' Malta jkunu l-istess, il-Malti u l-Ingliż, bħalma huma fil-Kostituzzjoni ta' Malta Indipendenti.

6. Id-drittijiet tal-Kittieb Malti għandhom jitħarsu bl-istess kriterji, kif minn dejjem kienu, li jitħarsu l-jeddijiet tal-Kittieba tal-Kontinent Ewropew, li minnu Malta Indipendenti tagħmel sehem.

Kopja ta' dan il-Memorjal qiegħda tintbagħat lill-Partiti Politiċi kollha.



## CANCER AND HEART INFARCTION

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

Phu x'waħdadin!
kemm aħna msallbin;
minn naħa dil-qalb,
mill-oħra l-kankru bla qalb!

Tistħajlek għaddej
minn triq mudlama bil-lej',
f'kantuniera
jistenna r-**revolver** tal-qalb,
U fl-oħra
r-**revolver** tal-kankru bla talb!

X'ħin l-anqas tistenna
jispara,
għajta fid-dalma waħxija
u terġa' s-sikta tissabbar bis-sliem ......

Kungressi f'kungressi,
tobba w xjentisti,
qishom iktar ma jaħdmu
iktar qed jgħoddsu.

Ħadd m'hu meħlus!
biss la taqbeż l-erbgħin
bħaċ-ċirasa tarahom jiġbdu 'l xulxin,
tliet'erbgħa, erbgħa tlieta,
l-oqbra ma jlaħħqux;
l-għolja tal-Addolorata
tiħdar u tisbieħ
bil-ġwies li jkun ilu jissajjar
l-egħxieren tas-snin!

**24/3/'70**